2026/775

31.3.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/775

tat-30 ta' Marzu 2026

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 46(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Marzu 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 267/2012.

(2) Il-Kunsill irrieżamina l-entrati li jikkonċernaw ċerti persuni u entitajiet dežinjati li jinsabu fl-Anness IX ta' dak ir-Regolament u kkonkluda li jenħtieġ li l-entrati li jikkonċernaw sitt persuni u żewġ entitajiet jitneħħew minn dak l-Anness. Jenħtieġ li ħames entrati inklużi f'dak l-Anness jiġu aġġornati.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 267/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 267/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. PANAYIOTOU

([1]) ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/267/oj.

ANNESS

L-Anness IX tar-Regolament (UE) Nru 267/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", is-subintestatura "A. Persuni", jitħassru l-entrati li ġejjin:

3. Dr Hoseyn (Hossein) FAQIHIAN

6. Said Esmail KHALILIPOUR

20. Behzad SOLTANI;

(2) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", is-subintestatura "A. Persuni", l-entrata 7 hija sostitwita b'dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"7.	Ali Reza KHANCHI	Indirizz tal-NRC: AEOI-NRC P.O. Box: 11365-8486 Tehran/Iran; Fax: (+9821) 8021412 Sess: raġel	Ali Reza Khanchi huwa xjenzat nukleari affiljat mal-Iranian Nuclear Science and Technology Research Institute (NSTRI). L-NSTRI huwa korp ta' riċerka elenkat mill-UE li huwa affiljat fuq livell uffiċjali mal-Atomic Energy Organisation of Iran (AEOI). Għalhekk, Ali Reza Khanchi huwa involut fl-attivitajiet ta' proliferazzjoni nukleari tal-Iran u qed jipprovdi appoġġ għalihom.	29.9.2025 (23.4.2007, sospiż mis-16.1.2016";

(3) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", is-subintestatura "B. Entitajiet", jitħassru l-entrati li ġejjin:

5.(b) Assa Corporation

5.(c) Assa Company Ltd;

(4) taħt l-intestatura “I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.”, is-subintestatura “B. Entitajiet”, l-entrati 46 u 104 huma sostitwiti bl-entrati korrispondenti li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“46.	EMKA Company	Indirizz: P.O. Box 14155-1339, Tehran, Iran	EMKA Company hija attiva fl-industrija nukleari tal-Iran. EMKA Company hija sussidjarja ta’ TAMAS Company li hija kumpanija speċjalizzata għall-produzzjoni ta’ materja prima u fjuwil nukleari fl-Iran. EMKA Company hija speċifikament responsabbli għall-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, u l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tal-minerali fiċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari. Barra minn hekk, fl-2023, EMKA ffirmat ftehim ta’ kooperazzjoni ma’, fost l-oħrajn, l-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika tal-Iran (Atomic Energy Organisation of Iran - AEOI), biex jinbena aċċelleratur. Għalhekk, EMKA Company hija involuta fl-attivitajiet ta’ proliferazzjoni nukleari tal-Iran u qed tipprovdi appoġġ għalihom.	29.9.2025 (23.5.2011, sospiż mis-16.1.2016)
104.	Central Bank of Iran (magħruf ukoll bħala Central Bank of the Islamic Republic of Iran, magħruf ukoll bħala Bank Markazi Jomhouri Islami Iran)	Indirizz: 213 Ferdowsi Avenue, 11365 Tehran, Iran; Mirdamad Blvd, 144 - P.O. Box 15875/7/77, Tehran, Iran; PO Box 15875/7177, 144 Mirdamad Blvd, Tehran, Iran P.O. Box: 15875 / 7177 Post tar-reġistrazzjoni: Iran Data tar-reġistrazzjoni: 1960 Numru tar-reġistrazzjoni: 4296905415 SWIFT/BIC: BMJIIRT1 Sit web: http://www.cbi.ir Posta elettronika: G.SecDept@cbi.ir	Il-Bank Ċentrali tal-Iran jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-IRGC, li huwa involut fil-programmi nukleari u tal-missili tal-Iran. Barra minn hekk, fil-kwalità tiegħu ta’ bank ċentrali, huwa jipprovdi servizzi finanzjarji lill-Gvern tal-Iran, li huwa wieħed mill-klijenti tiegħu. Għalhekk, il-Bank Ċentrali tal-Iran jappoġġa l-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta’ proliferazzjoni u lill-Gvern tal-Iran.	29.9.2025 (23.1.2012, sospiż mis-16.1.2016”;

(5) taħt l-intestatura “III. Islamic Republic of Iran Shipping Lines (IRISL)”, is-subintestatura “A. Persuni”, jitħassru l-entrati li ġejjin:

1. Mohammad Hossein Dajmar

3. Naser Bateni

8. Gholam Hossein Golparvar;

(6) taħt l-intestatura “III. Islamic Republic of Iran Shipping Lines (IRISL)”, is-subintestatura “B Entitajiet”, l-entrati 43 u 158 huma sostitwiti bl-entrati korrispondenti li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“43.	Good Luck Shipping Company	Indirizz: Office 206/207 Malik Saeed, Ahmad Ghabbash, Bur Dubai, Dubai, United Arab Emirates Indirizz: P.O. Box 5562, Dubai, United Arab Emirates Indirizz: P.O. Box: 8486, Dubai, United Arab Emirates Indirizz: P.O. Box 8486, Office 206/207, Ahmad Ghubash Building, Oud Mehta, Bur Dubai, United Arab Emirates	Good Luck Shipping tipprovdi servizzi ta’ trasport fuq l-ilma u servizzi loġistiċi għal Hafiz Darya Shipping Lines (HDSL), entità ddeżinjata affiljata mal-Islamic Republic of Iran Shipping Lines (IRISL), kif ukoll għal Petrochemical Commercial Company (PCC), kumpanija proprjetà tal-Ministeru għaż-Żejt tal-Iran.	29.9.2025 (1.12.2011, sospiż mis-16.1.2016)
158.	Hafiz Darya Shipping Lines (HDSL) (magħrufa wkoll bħala HDS Lines)	Indirizz: No. 60, Ehteshamiyeh Square, 7th Neyestan Street, Pasdaran Avenue, Tehran, Iran Dokument tar-reġistrazzjoni tan-negozju # 5478431, maħruġ f’Marzu 2009 Numru tal-OMI: 5878431; stabbilita fl-2009	Hafiz Darya Shipping Lines (HDSL) taġixxi bħala kumpanija fittizja għal IRISL. Hija tippossjedi jew topera bastimenti li għalihom l-Islamic Republic of Iran Shipping Lines (IRISL) hija identifikata bħala s-sid benefiċjarju. Għalhekk, HDSL qed taġixxi f’isem IRISL.	29.9.2025 (27.11.2013, sospiż mis-16.1.2016)”.